- *KUNTRATT TA' ASSIKURAZZJONI –*
- *UBERRIMAE FIDEI WKOLL GHAS-SOCJETA` ASSIGURATRICI –*
- *- PROPOSAL FORM -*
- *INTERPRETAZZJONI KUNTRATTI –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Mejju 2002

**Kawza Numru: 7**
**Citazzjoni Numru: 907/97/RCP**

**Giuseppe Costanzo**

**vs**

**Laferla Insurance Agency Limited in rapprezentanza ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta assikuratrici estera *Crowe Motor Policies* at Lloyds**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kumpanija konvenuta, dahlet f'kuntratt ta' assigurazzjoni mal-attur u dan biex tforni kopertura assigurattiva lill-istess kontra r-riskji ta' serq tal-vettura tieghu, *oltre* l-kopertura obbligatorja tal-ligi;

Illi gara illi madwar Settembru 1996, il-vettura tieghu *Skoda Forman*, O-7352, insterqet meta l-istess vettura kienet parkeggjata f'Paceville, u dwar il-fatt saret id-debita denunzja mal-pulizija ta' San Giljan;

Illi meta giet infurmata l-kumpanija assiguratrici dwar il-fatti li graw, u li ghalhekk avverat ruhha s-sitwazzjoni li l-kumpanija konvenuta kienet obbligata li tkopri u thallas id-dannu soffert mill-attur u dan in forza tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, l-istess kumpanija konvenuta naqset li taghmel dan, u dan billi ndikat bhala raguni li hu ma kienx kopert, meta fil-fatt huwa kien hallas skond il-kuntratt li kellu u kien irrinovah minn sena ghal sena;

Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa ta' *uberrimae bonae fidei*, u l-kumpanija konvenuta qed tonqos mill-obbligu taghha li thallas l-ammont ta' tliet elef lira Maltin (Lm3,000);

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-istess kumpanija konvenuta *nomine* bhala responsabbli taht il-kuntratt tal-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur meta l-vettura tieghu *"Skoda Forman"* O-7352 insterqet f'Settembru 1996, kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assigurazzjoni u cjoe' minn Settembru 1996. Ukoll bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-kumpanija konvenuta nomine.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tal-14 a fol. 7 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-vettura proprjeta' tal-attur u meritu tal-kawza odjerna ma kinetx koperta mis-socjeta' konvenuta kontra s-serq ghaliex kien l-istess attur illi kien specifikament ordna illi l-tali koperta tigi eskluza mill-polza mahruga mis-socjeta` konvenuta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa eccepit illi t-talba attrici kif impostata hija insostenibbli ghaliex anke f'kaz illi tirrizulta l-kopertura allegata minnu, l-ezistenza ta' tali koperta ma timportax l-obbligu tar-risarciment tad-danni sofferti mill-attur, kif minnu mitlub. L-obbligu gravanti s-socjeta' konvenuta f'tali kaz ikun illi thallas is-somma appositivament likwidata mill-Qorti bhala rapprezentanti l-valur reali tal-vettura assikurata, sal-limitu tal-kopertura kkontrattata (cjoe` tliet elef lira (Lm3,000) u soggett ghat-tnaqqis ta' l-*excess* ta' mitt lira (Lm100) kkontemplata fil-polza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta a fol. 8 u 9 tal-process.

Rat il-verbali tat-30 ta' April 1998 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri; tal-11 ta' Jannar 1999; tal-10 ta' Mejju 1999; tat-23 Gunju 1999; tat-12 ta' Novembru 1999 u tas-17 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-attur tas-17 ta' Marzu 2000 fejn esebixxa affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tal-10 ta' Mejju 2000; tal-11 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju; tat-30 ta' Novembru 2000; tal-21 ta'

Frar 2001; tal-5 ta' April 2001; tat-2 ta' Ottubru 2001; tat-22 ta' Novembru 2001 u tat-12 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-lum 30 ta' Mejju 2002 ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) AZZJONI ATTRICI

Illi din il-kawza saret mill-attur *stante* li qed isostni li huwa kellu kopertura ta' assigurazzjoni ghall-vettura li kienet tkopri s-serq tal-vettura tieghu *"Skoda Forman"* Reg. No. 0 - 7352, li fil-fatt insterqet f'Settembru 1998 meta hija kienet parkeggiata Paceville, u ghalhekk qed jitlob li l-istess socjeta' konvenuta tigi ddikjarata li *ai termini* tal-istess polza hija obbligata li thallsu l-ammont minnha dovut bhala valur tal-istess karozza in virtu tal-istess obbligi assigurattivi li l-istess socjeta' konvenuta assumiet favur tieghu.

### (B) ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA

Illi s-socjeta' konvenuta qed isostni li l-istess attur ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni, *stante* li huwa kien

ordna specifikatament li tali koperta tigi mahruga mill-istess polza fil-rigward tieghu u l-karozza fuq indikata; u dan apparti li anke kieku jinghad li hemm polza l-valur li jrid jithallas mhuwiex dak indikat fl-istess polza, izda l-valur rejali tal-istess vettura fil-mument tal-akkadut u minnu jitnaqqas l-ammont ta' Lm100 bhala *excess.*

## (C) PROVI PRODOTTI

Illi l-affidavit tieghu datat 22 ta' Mejju 1998 **l-attur** sostna li huwa kien assigura l-vettura tieghu mas-socjeta' konvenuta kontra s-serq u l-hruq u riskji ohra kontra terzi persuni skond il-ligi, peress li huwa Taljan u kien izzewweg Malta, u l-istess poloz baqaw jiggeddu l-istess.

Illi wara li insterqet il-karozza tieghu mar jaghmel il-*claim* izda qalulu li l-istess koperta ma kinetx tkopri serq; huwa sostna li b'dan ma kien jaf xejn ghaliex huwa dejjem hallas l-istess ammont ta' *premium* u qatt ma iffirma xejn sabiex tali koperta tigi mnehhija jew imnaqqsa. Huwa la jitkellem u lanqas jaqra bl-Ingliz.

Illi l-pulizija informawh fil-mori ta' din il-kawza li kienu sabu l-vettura tieghu, u din fil-fatt tinsab ghandhom, u li fuqha kien hemm inkjesta kondotta minn Alfred Camenzuli.

Illi l-istess attur rega' xehed fid-19 ta' Gunju 2001, u zied li ghall-ewwel kien gie b'*Mercedes* Malta li kienet inxurjata qabel l-Italja wkoll kontra s-serq u l-hruq, wara biegh il-

Mercedes l-Italja u xtara *Skoda* f'Malta u halliha bl-istess polza, dejjem tramite missier Raymond Mallia fl-agenzija tas-socjeta' attrici l-Hamrun u qatt ma talab biex ibiddel l-kondizzjonijiet jew in-natura tal-polza u l-istess talab ghall-karozza l-gdida hlief li in-*no claim bonus* jigi ndikat fuq l-gdida.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2000 quddiem l-Assistent Giudizzarju Dr. Josette Demicoli xehdet **Marguerite Delia,** li tahdem mas-socjeta' *Laferla Insurance Agency Limited* sostniet li l-konvenut kien hareg polza fl-1 ta' Dicembru 1995 fuq il-vettura tieghu *"Third Party Fire & Theft – u 35% no claim bonus"* mis-*salesman* taghhom Raymond Mallia l-Hamrun, pero' din giet kancellata fid-19 ta' Dicembru 1995 u c-certifikat gie ritornat, u meta infethet il-gdida, il-koperta kienet tbaxxiet ghal wahda ta' *"Third Party Only",* tnehha in-*"no claim discount"* u l-konvenut inghata 10% *more than one vehicle discount* ghax kellu zewg (2) karozzi f'ismu biex dak il-*no claim bonus* jinqaleb fuq il-polza gdida, u fil-fatt dawn iz-zewg poloz saru flimkien. Sussegwentement sar il-kancellament tal-polza l-gdida u fit-2 ta' Gunju 1996 saret r-*renewal* taht l-istess kopertura tal-vettura Reg. No. O–7352 ghal *Third Party Only"* u minghajr *'no claim bonus"* ghaliex dan kien hadu fuq il-karozza l-gdida u dan kif jidher mid-dokumenti "MD1" anness a fol. 39 u 40 tal-process datat l-1 ta' Gunju 1996.

Illi fil-fatt l-istess karozza kienet ilha nxurjata mas-socjeta` konvenuta minn qabel l-1995, u dik is-sena saret ghall-

ewwel darba il-kopertura fuq il-karozza l-gdida li kienet registrata bla numru (K/W) biss.

Illi **Raymond Mallia** xehed quddiem l-istess Assistent Gudizzjarja fil-25 ta' April 2001 u qal li l-attur kien gie biex johrog karozza gdida u ried inehhi *n-no claim bonus* minn fuq il-karozza il-qadima biex ipoggih fuq il-karozza il-gdida, u wkoll biex jinxurja l-karozza l-qadima mill-inqas taht polza *"Third Party Only"* u dan kien fil-5 ta' Mejju 1995. L-istess xhud insista li huwa spjega lill-attur b'dan kollu ghal *"darba, tnejn, tlieta"*. Huwa zied jghid li din hija procedura normali meta wiehed idahhal karozza gdida, anzi qal li kien l-attur li insista li l-karozza l-qadima tinhareg fuq polza *"third party only".*

Illi l-istess xhud kkonferma id-*debit note* ghar-*renewal certificate* fuq l-istess karozza datat l-1 ta' Gunju 1996 ghall-kopertura bejn t-2 ta' Gunju 1996 u l-31 ta' Mejju 1997 (Dok. " MD 1") a fol. 39 tal-process; *debit note* datata 5 ta' Mejju 1995 ghar-renewal tal-istess polza fuq il-karozza indikata ghall-perjodu 2 ta' Gunju 1996 sal-31 ta' Mejju 1996 a fol. 43 tal-process; id-*debit note* ghar-*refunded premium* fuq l-istess karozza ghal *third party only* ghall-perjodu bejn 2 ta' Gunju 1996 sal-31 ta' Mejju 1996 datat 1-ta' Dicembru 1995 a fol. 40 tal-process; *debit note* ohra datata 30 ta' Novembru 1995 ghall-istess perjodu bejn it-2 ta' Gunju 1996 u 31 ta' Mejju 1996 ghall-*additional premium* a fol. 41; *debit note* ohra datata 30 ta' Novembru 1995 ghall-istess perjodu 2 ta' Gunju 1996 ghall-31 ta'

Mejju 1996 ghar-*refund premium* a fol. 42 tal-process; *proposal form* fuq l-istess karozza a fol. 44 u 45 tal-process datata 5 ta' Mejju 1995; u *credit note* datata 2 ta' Jannar 1996 esebita bhala Dok. "MD2" ghall-karozza gdida ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 1995 sat-30 ta' Novembru 1996 li giet kancellata fid-19 ta' Dicembru 1995 a fol. 46 tal-process u *debit note* datata 30 ta' Novembru 1995 ghall-istess karozza gdida ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru 1995 sat-30 ta' Novembru 1996 a fol. 57 tal-process u *proposal form* bla data ffirmata mill-attur fuq l-istess karozza gdida a fol. 58 u 59 tal-process.

## (D) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi minn dan jirrizulta li hemm zewg versjonijiet dwar in-natura tal-polza li inharget favur l-attur fuq il-karozza *"Skoda Forman"* Reg. No. 0–7352 u cjoe` jekk il-polza kinetx *"Third Party Fire & Theft"* jew inkella *"Third Party Only".*

Illi l-attur qed isostni li huwa qatt ma biddel it-tip tal-polza lanqas meta gie biex jinxurja karozza gdida fl-ahhar tas-sena 1995, li wara fil-fatt kien ikkancella fid-19 ta' Dicembru 1995 kif jidher mid-Dokument "MD2" a fol. 46 tal-process. Huwa kull ma talab kien biss li l-*no claim bonus* li kellu fuq l-karozza antika, dik mertu tal-kawza odjerna ddur fuq il-karozza l-gdida, u xejn izjed, u qatt ma talab li l-polza tieghu fuq din il-karozza l-antika ssir *"Third party only".*

Illi min-naha *tramite* Raymond Mallia, *salesman* tas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` konvenuta tallega li kien l-attur li fuq struzzjonijiet specifici tieghu inbidel il-*cover* tal-istess vettura ghall-*Third Party Only* minflok ta' dak ta' *Third Party Fire & Theft".* Illi fil-fatt l-istess xhud kien kategoriku dwar l-istess ghalkemm fl-opinjoni ta' din il-Qorti sostna kemm-il darba li din kienet ir-regola li kien jaddota kull meta klijent jmur biex jinxurja karozza gdida, u cjoe` t-trasferiment tan-*no claim bonus* fuq l-karozza gdida, u wkoll restrizzjoni fuq it-tip ta' koperta fuq il-karozza antika. Insista wkoll li t-talba saret mill-istess attur specifikatament.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti x-xhieda tal-istess Raymond Mallia ma hijiex kredibbli u dan ghal bosta ragunijiet fosthom li huwa nsista hafna li din hija il-procedura li dejjem tigi adottata f'kazi simili, haga li ma hijiex sostanzjata, *stante* li ghalkemm din il-Qorti tasal biex tifhem li t-trasferiment tal-*no claim bonus* issir normalment f'kull tranzazzjoni simili sabiex jigi mnaqqas il-premium li wiehed irid ihallas komplessivament ghal zewg karozzi, it-tnaqqis ta' koperta ghal karozza qadima ma tistax titqies bhala procedura normali jekk ma jkunx hemm talba *ad hoc* mill-klijent.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-prassi, drawwa, jew procedura normali ma gietx ippruvata mill-istess xhud, u dan apparti li l-ispjegazzjoni l-ohra li tal-istess xhud ghat-tnaqqis tal-kopertura, mhux biss ma gietx ukoll ppruvata, izda adirittura hija kontradetta mill-istess attur, li b'mod ghal

kollox konsistenti sostna li huwa qatt ma ta struzzjonijiet sabiex il-kopertura tal-karozza *de quo* tigi mnaqqsa jew minimizzata.

Illi x-xhieda tal-istess Raymond Mallia ssofri wkoll mill-fatt allegat mill-attur li huwa kien jirranga kollox ma' missier l-istess Raymond Mallia li jidher li kien fl-istess ufficcju, u l-Qorti taghti hawn kredibilita' lill-istess attur, li fix-xhieda tieghu kkonvinca lil din il-Qorti, li huwa kien ghal kollox sorpriz meta kien informat mill-istess socjeta` assiguratrici li huwa ma kienx izjed kopert kontra s-serq u l-hruq hekk biss kif huwa ghamel il-*claim* mertu tal-kawza odjerna.

Illi din il-linja ta' hsieb u konkluzzjoni hija awmentata mill-fatt li fl-istess certifikati dwar l-istess karozza, fuq indikati jidher li hemm konfuzzjoni shiha, ghaliex waqt li s-socjeta' konvenuta qed isostni li l-attur ma kienx kopert ghal *"Third Party Fire & Theft"*, hemm min-naha l-ohra d-dokument "GC4" a fol. 22 tal-process li juri li l-istess karozza kienet koperta ghall-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 1995 sal-31 ta' Mejju 1996 fil-5 ta' Mejju 1995 proprju ghall-*Third Party Fire & Theft* li hija korroborata bic-certifikat tal-istess data a fol. 43 tal-process.

Illi veru li hemm certifikati ohra u *debit notes* ohra sussegwenti ghall-istess data li jipprovdu l-kuntrarju nkluzi dawk indikati bhala Dok. "MD 1" a fol. 39 tal-process u ohrajn a fol. 40 u 41 u *refund* tal-istess *premium* datat 30 ta' Novembru 1995 a fol. 42 tal-process sabiex l-istess

polza tigi mnizzla ghal wahda ta' *"Third Party Only*", pero` kontra dan hemm il-fatt li l-unika *proposal form* indikata dwar l-istess karozza tindika taht il-firma tal-istess attur li huwa kien ghazel li l-polza kellha tkun *"Third Party Fire & Theft"* kollox kif jidher a fol. 44 u 45 tal-process.

Illi dan ifisser li l-polza tal-attur harget abbazi ta' din il-*proposal form* li giet accettata mis-socjeta' assiguratrici tant li inharget il-polza fuqha. Tenut kont li din kienet *renewal* ta' polza li kienet ghalhekk gja ezistenti, dan ifisser li tali *proposal form* u kitba hija determinanti ghas-soluzzjoni tal-problema odjerna, ghaliex minnha jidher car li l-kunsens tal-attur inghata biss sabiex tinhareg dik it-tip ta' polza li huwa gja kellu u li huwa indika fl-istess formola dejjem relattivament ghal karozza mertu tal-kawza odjerna.

Illi ma jidhirx li l-istess attur gie mitlub mis-socjeta' konvenuta sabiex jirtira tali rikjesta ghal tali kopertura, u dan bil-miktub, u wiehed ghandu jahseb li huwa ragonevoli li wiehed jippretendi li kieku vera tali tnaqqis ta' kopertura saret fuq rikjesta specifika tal-attur, kif ix-xhud Raymond Mallia qed jippretendi, kien daqstant logiku li jinzamm *record* bil-miktub ta' tali rikjesta mill-attur, iffirmata mil-istess attur sabiex tinnewtralizza dak kontenut fl-istess *proposal form.*

Illi dan ovvjament ma sarx, u f'dawn ic-cirkostanzi, tenut kont ta' dak li hemm palezament indikat fl-istess formola esebita a fol. 44 u 45 tal-process, fejn il-kopertura rikjesta

hija dik ta' *Third Party Fire & Theft,* irrendu l-versjoni tal-attur mhux biss iktar verosimili, *stante* li taqbel ezatt ma' dak li hemm indikat fl-istess skrittura, izda jifformaw il-bazi u l-prova ta' dak li gie miftiehem bejn il-partijiet dwar il-kopertura miftehma anke ghaliex fl-istess *proposal form* jinghad li:-

*"…. And I agree that this proposal signed or caused to be signed by me shall be held to be promissory and form the basis of the contract between me and the Underwriters, and accept a policy subject to the terms, conditions and exceptions contained therein".*

Illi fil-fatt abbazi ta' din *il-proposal form* harget il-polza indikata a fol. 19 tal-process u ma hemm l-ebda dokument li juri li tali rikjesta *da parte* tal-attur giet b'xi mod mibdula minnu bil-miktub, u ghalhekk hawn japplika l-principju generali tal-ligi u senjatament dak propost fl-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili** li jghid li "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni* u f'dan il-kaz allura japplika dak li hemm fil-*proposal form,* kemm peress li dak fih innifsu u car, u kemm ukoll ghaliex s-socjeta' konvenuta ma gabitx prova konkreta u sodisfacenti, u wisq inqas iskritta, li turi li tali ftehim hekk indikat gie b'xi mod mibdul bil-kunsens taz-zewg partijiet u f'dan il-kaz senjatament bil-kunsens tal-attur, li anzi min-naha tieghu dejjem sostna li l-ftehim kien dak li hemm iskritt, u qatt ma

iffirma jew ta' l-permess tieghu u wisq inqas talab li dan jitbiddel.

Illi hawn wiehed jirreferri ghal dak li nghad fis-sentenza **"Marco Tanti vs O.F. Gollcher nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 u cjoe' li:-

*"The contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith"..* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg 101 – 102). **"Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002); **"Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine"** (P.A. (NA) 21 ta' April 1999).

Illi infatti fis-sentenza **"Michael Bertuello vs Victor Cordina *pro et nomine*"** (A.K. (GMA. CAA. NVA) 11 ta' Lulju 1994 – LXXVIII.ii. 180) inghad li *"hu principju bazilari tal-ligi civili li l-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede. Dana japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta' assikurazzjoni fejn il-ligi tesigi miz-zewg partijiet kontraenti 'uberima fides'.*

Illi r-*rationale* tal-istess regola gie spjegat fi-kaz **"Carter vs Boehm"** (1766) 3 Burr. 1905 at 1909) meta **Lord Mansfield** spjega li :-

*"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed,*

*lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

Illi dan l-obbligu ta' *uberrimae fidae* japplika bl-istess insistenza kemm ghall-assigurat u kemm ghas-socjeta` assiguratrici tant li l-istess **John Bords and Norma J. Hird** jikkontendu li *"it has long been said that the requirement of utmost good faith applies to both parties to the insurance contract, in as much that it imposes a duty of disclosure on the insurer as much as on the insured".* **(Bird's Modern Insurance Law –** pg. 128).

Illi fil-kuntest tal-azzjoni odjerna, dan ifisser li bhal ma id-dettalji li hemm fil-*proposal form* u moghtija mill-assigurat jorbtu lill-istess assigurat anke fir-risposti minnu moghtija jew anke mhux moghtija fit-termini tal-principju tal-obbligu ta' *disclosure* ghal dak li huma fatti materjali, l-istess rikjesti tal-assigurat kontenuti fl-istess polza huma l-bazi ta-rabta bejn il-partijiet, kemm il-darba l-istess proposta tigi accettata mis-socjeta` assiguratrici, li ghalhekk, kif *di piu* jinghad fl-istess polza, tbiddel dak propost f'offerta accettata bil-hrug tal-polza propja bhal fil-kaz odjern, u ghalhekk dak kontenut fl-istess formola, jifforma ghaz-zewg partijiet il-bazi tal-ftehim bejniethom.

Illi b'hekk bhal fil-kawza citata **"Marco Tanti vs O.F. Gollcher nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002*)* dak li kien imnizzel fl-istess formula, ghaliex l-assigurat ma kienx korrett dwar fatt materjali hemm rikjest immilita kontra l-istess assigurat tant li wassal ghall-annullament tal-polza, hekk dak illum hemm kontenut fl-istess *proposal form* dwar ir-rikjesta ta' tip ta' kopertura maghmula mill-attur, u accettata mis-socjeta' konvenuta ghandu jservi skond it-termini tal-istess skrittura, li tifforma l-bazi tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` konvenuta, bhala l-bazi ta' ftehim ta' assigurazzjoni bejn il-partijiet odjerni u f'dan il-kaz il-hrug ta' polza *"Third Party Fire & Theft"* kif hemm senjament indikat.

Illi t-tieni eccezzjoni dwar l-ammont li ghandu eventwalment jithallas lill-attur ma ghandhiex ebda rilevenza ghall-azzjoni odjerna *stante* li l-unika talba li hemm fl-istess citazzjoni attrici hija dik biss dikjaratorja li l-istess polza tkopri r-riskju tas-serq tal-istess vettura allegat mill-attur, liema serq bhala fatt qatt ma gie kontestat mis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk ma hemm l-ebda talba ghall-likwidazzjoni jew kundanna tal-hlas tal-ammont li jkun eventwalment dovut taht l-istess polza, u ghalhekk din l-eccezzjoni bhal l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-istess kumpanija konvenuta *nomine* bhala responsabbli taht il-kuntratt tal-assikurazzjoni ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur meta l-vettura tieghu *"Skoda Forman"* O-7352 insterqet f'Settembru 1996, kontra liema riskju l-kumpanija konvenuta assigurat lill-istess attur;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data meta gara d-dannu kopert bl-assigurazzjoni u cjoe' minn Settembru 1996 kontra l-kumpanija konvenuta nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**